MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 317/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR GABRIEL MICALLEF**
**VS**
**JOSEPH CARUANA**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Caruana ta’ 35 sena, bin Emanuel u Maria nee’ Tonna mwieled Pieta’ fl- 24 ta’ Frar 1976, residenti Block 2, Flat 9, Triq il- President Anton Buttigieg, Pembroke u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 149676M;

Talli nhar l- 4 ta’ Frar 2012 ghal habta tad- 21.20hrs fi Triq Bordino, San Pawl il- Bahar;

1) volontarjament ghamel hsara fuq vettura Skoda Favorit ta’ lewn blu bin- numru tar- registrazzjoni ABE 026, liema hsara taccedi l- valur ta’ €116.47 izda ma tiskorrix €1164.69;

2) kif ukoll talli aktar tard ingurja hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe WPC 264 G. Gatt u PS 419 A. Buttigieg waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qieghdin jaghmelu dak is- servizz, bil- hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ezekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) kif ukoll talli fl- istess gurnata permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/ jew hedded lil Geraldine Sammut bi kliem;

4) aktar talli ghamel uzu mhux xieraq b' apparat ta' komunikazzjoni elettronika;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 95 tal- Kap 9;
U l-Artikolu 49(a) (c) tal- Kap 339 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) lil Geraldine Sammut fi zmien sitt (6) xhur ai

terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Il- Qorti tordna inoltre li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Trattament ai termini tal- Artikolu 412D tal-Kap 9 ghall-perijodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------